MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 191/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**
**vs**
**Renald Casha**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Renald Casha ta' 27 sena bin Joseph u Concetta nee' Grima, imwieled Pieta' u residenti 14, Two Gates Street, Senglea, detentur ta' karta ta' identita numru 181473(m) akkuzat talli:

1. fis-27 ta' Settembru 2000, u matul l-ahhar sentejn, f'dawn il-Gzejjer approprja ruhhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' Lm220 ghad-dannu ta' Joseph Galea, liema somma giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnha specifikat li tinhadem kamra tas-sodda bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-isess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm220 ghad-dannu ta' Joseph Galea bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (folio 6) sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw il-misapproprjazzjoni u t-truffa. Huma bazati fuq xoghol ta' ghamara ordnat mill-kwerelant lill-imputat. Mid-dokumenti esebiti in atti jirrizulta li l-ordni ghall-ghamra saret fl-1 ta' Jannar 1999. Jirrizulta inoltre li sussegwentement, precizament fit-28 ta' Jannar tal-istess sena, l-imputat irceva Lm120 akkont u li sad-9 ta' Lulju, dejjem tal-istess sena, l-ghamara ordnata ma kinitx ghada giet kkonsenjata u li hawnhekk l-imputat intrabat li jikkonsenjha sas-26 ta' Lulju dejjem tas-sena 1999. Il-provi juru li l-ghamara qatt ma giet ikkonsenjata u juru wkoll li l-imputat kien ircieva Lm1000 ohra akkont mal-ordni. Ghalhekk l-imputat effetttivament ircieva l-ammont ta' Lm220.

Illi l-kif u ghaliex l-ghamara ma gietx konsenjata, igifieri jekk hiex ghar-ragunijiet imputabbli lilll-imputat jew ghaliex gie terminat l-appalt minn min fost il-partijiet kontraenti, mhix kwistjoni li taqa' biex tigi determinata minn din il-qorti stante li tali kwistjonijiet huma ta' indole civili. Din il-qorti, ta' kompetenza ta' qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha semplicement tara jekk l-prosekuzzjoni irnexxietx li ggib

provi sodisfacjenti dwar xi agir kriminuz tal-imputat fir-rigward l-ghamara lilu ordnata. Issa jirrizulta wisq car mill-provi li l-imputat, dak iz-zmien, kien jopera hanut ta' mastrudaxxa. Il-kwerelant fil-fatt kien mar f'dan il-hanut meta ordna l-ghamra. L-anqas mhux dobiat , ghaliex l-provi huma cari fir-rigward, li l-kwerelant hallas Lm220 bhala somma totali in akkont. Anke l-imputat jammetti dan, kif jammetti wkoll li l-ghamara ma ikkonsenjahiex u ma ritornax d-depozitu. F'dan l-istess kuntest jistqarr li l-ghamara ma kkonsenjahiex billi l-kwerelant ma accettahiex u li d-depositu ma rrestitwihiex billi l-kwerelant esiga somma akbar.

Illi pero fid-dawl tal-akkuzi imressqa kontra l-imputat, trattata l-ewwel akkuza tal-misapproprjazzjoni, din ma treggix billi ma giex dimostrat li l-imputat fil-waqt li ha l-flus abbuza mill-fiducja fih reposta u ikkonverta l-istess flus ghall-profitt tieghu jew ta' terz. Difatti stqarr fix-xhieda tieghu li l-ghamara ghalkemm mhux lesta kollha, hi lesta f'parti sostanzjali. Wkoll it-truffa ma tissusistix billi hemm dejjem nieqes l-element tal-messa in scena.

Inghad dan ghalhekk u billi l-akkuzi ma jirrizultawx, tillibera lill-imputat minn kull akkuza kontrih dedotta.

--------------------------------TMIEM-------------------------------